FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 17 t'April, 2001**

**Numru 14**

**Avviz. numru 17/01JR**

**Edmund Barbara**

**vs**

**Joseph Zammit u Rosaria Zammit**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta' Marzu, 2001, fejn intalab il-hlas ta' mija wiehed u tmenin lira Maltija (Lm181.00), kwantu ghall-mija sitta u sebghin lira Maltija u ghaxar centezmi (Lm176.10) rapprezentanti arretrati ta' kiri ta' pjanu bejn Jannar, 2000, u d-d9 ta' Settembru, 2000, u kwantu ghall-hames liri Maltin (Lm5.00) bhala spejjez legali ta' korrispondenza.**

**Ra li l-konvenuti ma dehrux u lanqas ma pprezentaw risposta.**

**Semgha x-xhieda ta' Edmund Barbara li kkonferma li l-ammont ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra' l-Artikolu 13 (B) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta' mija wiehed u tmenin lira Maltija (Lm181.00),**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**